# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-5 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 279 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Noel (Emanuel) ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ġunju 2017 fil-konfront ta' Noel (Emanuel) ZAMMIT, karta tal-identità bin-numru 345777M fejn ġie mixli talli:

   Nhar is-Sibt 2 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' 17:00hrs waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Ħas Saptan, Ħal Għaxaq, waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur, jew ġarr munuzzjon jew arma tan-nar barra l-għata tagħha;

   Akkużat ukoll talli waqt l-istaġun tar-rebbiegħa bejn l-14 ta' April 2015 u 30 ta' April 2015, f'dawn il-gżejjer naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja jew f'kull liġi oħra, ċioè kundizzjoni numru 7 li tgħid immedjatament kif persuna liċenzjata taqbad gamiema jew

summiena hi obbligata ċċempel fuq numru 27790299 u ssegwi struzzjonijiet; u kundizzjoni numru 8 li tgħid li persuna illiċenzjata hija obbligata li tiddikjara kull gamiema u summiena li qabdet fuq il-ktejjeb magħruf bħala Carnet de Chasse għall-kaċċa tal-Għasafar/ Fniek Selvaġġi (Frar 2015 – Jannar 2016), qabel ma tħalli l-post minn fejn kienet għall-kaċċa. Apparti d-data, irid jikteb l-ammont kemm qabad skont l-ispeċi differenti (gamiema u/jew summiena). Jekk ma jkun qabad xejn irid xorta jikteb id-data u jniżżel 0 jew X fil-kaxxa tal-qbid; tal-liċenzja speċjali għall-kaċċa fir-rebbiegħa 2015 maħruġa mir-Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-kaċċa tal-gamiem u s-summien fir-rebbiegħa L.S. 504.94 Reg 12 (1) tal-Avviż Legali tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat id-dokumenti kollha esebiti, l-atti kollha tal-kawża u semgħet lill-partijiet, u wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(a) u 27 tal-A.L. 79 tal-2006 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 12 (1) tal-L.S. 504.94 tal-Avviż Legali tal-2006 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u kkundannatu b'multa ta' elf Ewro (€1,000) u kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja għal sentejn. Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

3. Illi minn din is-sentenza Noel (Emanuel) ZAMMIT interpona appell permezz ta' rikors datat 26 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

Tilqa' dan l-appell billi **<u>TĦASSAR U TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, <u>u dan</u> billi **<u>TIDDIKJARAH</u>** mhux ħatja tagħhom u konsegwentement **<u>TILLIBERAH</u>** minnhom; alternattivament **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**A. Żball fil-Ħin fir-Rigward tal-Ewwel Akkuża**

Illi preliminarjament u dan mingħajr preġudizzju għall-aggravju li jmiss rigward ħtija o meno fuq il-mertu tal-każ odjern, l-appellant jirrileva illi huwa għandu jiġi liberat mill-ewwel akkuża stante illi l-ħin indikat fl-akkuża mhuwiex korrett u ma jaqbilx max-xhieda bil-ġurament illi ingħatat mill-membru tal-NGO tal-*Cabs* illi ġie jixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fil-fatt, meta ġie biex jixhed ix-xhud prinċipali huwa indika bħala ħin **il-ħamsa (5) jew is-sitta (6) ta' filgħodu u mhux il-ħamsa ta' waranofsinhar (17.00pm) kif qiegħed indikat fl-akkuża. Fi kliem ieħor qegħdin nitkellmu fuq tnax-il siegħa differenza liema differenza tagħmel effett konsiderevoli fil-kamp kriminali. Illi l-Pulizija ddeċidew illi jakkużaw lill-appellant b'data, post u ħin speċifiku liema ħin iżda huwa sostanzjalment żbaljat liema konsiderazzjoni iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tagħha.**

Illi inoltre l-ħin mhux biss huwa indikat b'mod żbaljat fl-akkuża illi rċieva l-appellant iżda huwa indikat b'mod żbaljat ukoll fl-affidavits illi hemm tal-Uffiċjali tal-Pulizija fejn kemm fl-affidavit ta' PC 1379 David Mizzi u kemm f'ta PC 16 E. Zammit huwa kollha indikat il-ħin tal-ħamsa ta' waranofsinhar (17.00pm).

Illi l-appellant jirrileva illi f'dan is-sens l-artikolu applikabli huwa l-Artiklu 360 (2) tal-Kodiċi Kriminali illi jipprovdi:

*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża,* ***bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.*** *Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

**Illi f'dan is-sens l-appellant jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ramon Mifsud et deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena 2012 fejn l-imputati ġew akkużati fost l-oħrajn illi** fil-25 ta' Ottubru 2009 ġewwa San Ġiljan għall-ħabta ta' xi l-ħdax ta' filgħaxija mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-

ħajja ta' Jean-Olivier Mesrine (nazzjonalita' Franċiża) f' periklu ċar, ħebbew għalih u kkaġunawlu diversi feriti ta' natura ħafifa. Illi iżda mill-atti deher ċar li l-inċident in kwistjoni seħħ nhar il-25 ta' Ottubru 2009 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu filwaqt li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati kollha jirreferu għall-inċident li seħħ nhar il-25 ta' Ottubru 2009 "**għall-ħabta ta' xi l-ħdax ta' filgħaxija**. Il-Qorti wara li rreferiet għal każi oħra li ttrattaw żbalji kemm u/jew fil-ħin u d-data fosthom il-Pulizija vs John Mary Briffa ddeċidiet:

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami huwa ċar li l-imputati odjerni ma jistgħux jinstabu ħatja tal-imputazzjonijiet lilhom addebietati għaliex dawn jirreferu għal fatti li suppost seħħew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-ħdax ta' fil-għaxija meta il-provi li nġiebu quddiem din il-Qorti jirreferu għal-fatti li seħħew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' filgħodu. Għal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom.*

Illi l-appellant jagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa deċiża fit-18** ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminal Inferjuri fejn il-Qorti qalet hekk:

*L-aggravju prinċipali ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu stante li tali imputazzjoni hija waħda li fiha hemm indikat mhux biss il-ġurnata iżda hemm ukoll ħin partikolari, u ċioe` "għall-ħabta tas-**7.30 p.m.**", mentri mill-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni jirriżulta illi dak li allegatament seħħ fil-fatt ġara "għall-ħabta tas-**7.30 a.m.**". **L-appellant għandu raġun**. Din il-Qorti semgħet ix-xhieda u minn dak li qalu jirriżulta li dak li qed jiġi allegat li għamel l-appellant ġara filgħodu u mhux filgħaxija.*

*L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li ġara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frażi "għall-ħabta ta' "tindika ħin approssimattiv u tinkludi ħin viċin dak imsemmi fl-imputazzjoni iżda żgur mhux tnax-il siegħa wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb tagħmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*

Illi f'dan il-każ il-Qorti ddeċidiet li tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih u tilliberah minn din l-imputazzjoni.

Illi inoltre l-appellant jagħmel referenza għall-kawża oħra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatat ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** illi kienet tirrigwarda inċident awtomobilistiku. Illi l-appellant permezz tar-rikors tal-appell tiegħu kien irrileva illi huwa ma

setax jinsab ħati ta' inċident li, skond iċ-ċitazzjoni, seħħ filgħodu meta l-provi mressqa jirrigwardaw inċident li seħħ filgħaxija.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali anke billi kkwotat il-każ Pulizija vs Nicolai Magrin provdiet hekk:

*Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-inċident kollu seta' ġie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawża, appena ntebaħ li kellu żball fil-ħin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iż-żewġ ittri 'am.' jinbidlu u jiġu sostitwiti biż-żewġ ittri 'pm.' Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien 'alert' biżżejjed u l-Ewwel Qorti żgur li kienet tilqa' t-talba għal tali korrezzjoni u, f'każ li ma tilqagħhiex, tali deċiżjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero` ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel proċess.*

*Fil-każ in eżami l-appellant ġie akkużat b'numru ta' reati li allegatament seħħew "għall-ħabta ta' 06.10 am". Il-provi jitkellmu dwar inċident li seħħ fis-6.00 p.m. jew għall-ħabta tas-6.10 p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' W.P.S. 61 M. Cuschieri). Mela l-prosekuzzjoni setgħet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuża, iżda dan naqset milli tagħmlu nonostante illi hija stess ppreżentat provi dokumentarji mnejn kien jirriżulta l-ħin korrett. L-appellant mbagħad, kif jirriżulta mis-sentenza appellata, instab ħati ta' reati li allegatament seħħew għall-ħabta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setax jinsab hekk ħati ġaladarba l-provi jirrigwardaw inċident li seħħ fis-6.10 p.m.*

*Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu lliberat lillappellant mill-imputazzjonijiet ta' sewqan perikoluż u ta' sewqan bla kont, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' lewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u t-tieni imputazzjoni limitatament għal sewqan traskurat, u in kwantu kkundannatu multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro (€232) u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl tat-18 ta' Novembru 2010, u minflok tiddikjarah mhux ħati wkoll ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah.*

**Illi għalhekk l-appellant jirrileva illi tenut kont tal-ġurisprudenza hawn fuq ikkwotata u in vista tal-iżball fil-ħin riskontrat kemm fl-akkuża kif ukoll fl-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija liema żball qatt ma ġie korrett mill-Uffiċjal Prosekutur huwa għandu jiġi liberat mill-ewwel akkuża minħabba tali żball.**

**B. Apprezzament żbaljat tal-Provi Prodotti u l-Liġi Applikabbli**

Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-appellanti jissottometti illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiema u tal-Liġi applikabbli u dan kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.

Fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni ressqet bħala provi l-affidavits taż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija u ċioe' PC 16 u PC 1379, rappreżentant tal-NGO Cabs illi xehed bil-ġurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u xi ritratti

esebiti flimkien mal-filmat esebit mir-rappreżentant tal-NGO Cabs. Illi l-appellant ma xehedx fil-proċeduri odjerni kif kellu kull dritt illi jagħmel.

Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, iżda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi, w ċioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV paġna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi jiġi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, waqt li d-difiża trid tipprova d-difiża tagħha fuq bażi ta' probabilita'. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjub fil-konfront tiegħu dawn għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioe' jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioe jew il-

ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugħa u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti għall-eżistenza tar-reati mogħtija lill-imputat jirriżultawx jew le.

Illi inoltre jiġi rilevat illi l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali iżda l-provi għandhom jiġu analiżżati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċement fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi issa huwa veru illi kif ġie dejjem ritenut li l-Qorti tal-Appell, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax leġġerment il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt iżda tagħmel eżami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti riżultanti lill-Ewwel Qorti, din setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha b'mod "safe u satisfactory".

Kif ġie ritenut minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawża "R. vs Cooper" [1969] 1 QB 276:-

"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .." (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p.1392)

Illi iżda fil-każ odjern mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni illi waslet għaliha b'mod *safe u satisfactory* anke tenut kont tal-fatti hekk kif esposti quddiemha. Għalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' ġurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal neċessarjament għal liberatorja, **la kien *safe* u lanqas *satisfactory*, anzi ċertament perikoluż, li l-Ewwel Onorabbli Qorti, straħet biss fuq ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u dan tenut kont tal-fatt tal-kunflitt ta' provi eżistenti bejn il-provi tal-Prosekuzzjoni stess.**

Illi jibda biex jingħad illi fil-każ odjern hemm diversi nuqqasijiet min-naħa tal-Prosekuzzjoni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bħallikieku naqset milli

tikkunsidra u tieħu konjizzjoni tagħhom meta ġiet biex tiddeċiedi dwar il-mertu tal-proċeduri odjerni. Illi l-ewwelnett kif diġa' ġie rilevat fl-ewwel aggravju hemm żball fil-ħin fir-rigward tal-ewwel akkuża għalkemm dan diġa' ġie trattat ampjament fl-ewwel aggravju.

Illi inoltre l-każ tal-Prosekuzzjoni straħ biss fuq l-*allegatament ammissjoni illi għamel l-appellant mal-Uffiċjali tal-Pulizija.* Dan għaliex provi konkreti illi jistgħu jwasslu għall-ħtija tal-appellant m'hemmx. Illi fil-fatt, jiġi rilevat illi r-rappreżentant tal-CABS la raha u lanqas biss għaraf lill-appellant illi kien huwa l-persuna illi tiegħu sema' t-tiri. Illi għalkemm huwa esebixxa filmat dan il-filmat mhux biss mhuwiex ċar illi ma jagħtix indikazzjoni ċara jew almenu jgħin lill-Qorti illi *imqar seta'* kien l-appellant illi spara t-tiri in kwistjoni. Illi fil-fatt, ir-rappreżentant tal-CABS meta mistoqsi mid-difiża rigward il-filmat huwa jgħid illi hemm figura ta' raġel imma daqshekk biss u ma kienx f'pożizzjoni li lanqas biss jiddeskrivi tali persuna. Illi fil-fatt, mill-affidavit tal-Pulizija stess jirriżulta illi huma ma qabdux lill-appellant *in flagrante delicto* iżda waslu għalih biss minn informazzjoni illi taha xi bidwi tal-lokal **(illi ma ttellgħax jixhed f'dawn il-proċeduri) fejn infurmahom illi l-għalqa partikolari minn fejn jista' jkun instemgħu t-tiri hija tal-appellant. Illi inoltre imbagħad meta marru fuq il-post in kwistjoni sabu l-karozza tal-appellant ipparkjata fejn sar kuntatt miegħu sabiex jiġi fuq il-post. Illi l-appellant jirrileva illi kieku vera kien l-appellant illi spara t-tiri in kwistjoni huwa kien ikun għadu fuq il-post u mhux ġie wara fuq il-post fejn saħansitra kien qal lill-Pulizija illi huwa kien qiegħed Birżebbugia flimkien ma' ħabib tiegħu. Illi inoltre l-Pulizija ma jindikawx illi ġie fuq il-post b'xi arma tan-nar f'idu illi tindika illi l-appellant kien qiegħed jikkaċċja. Illi inoltre għalkemm hemm indikat illi ġiet elevata l-arma tan-nar illi ntużat fil-każ odjern l-Uffiċjali tal-Pulizija ma ndikawx fl-affidavit tagħhom jekk l-arma kinitx għadha sħuna biex forsi tipprova illi l-arma kienet għadha kemm ġiet użata u lanqas xi skrataċ jekk kien hemm illi ġew elevati.**

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi jekk skont ma qal l-appellant lill-Uffiċjali tal-Pulizija illi huwa ma kienx waħdu imma kien akkumpanjat miz-ziju tiegħu għalfejn l-istess Pulizija ma ħarkuhx biex jixhed fis-seduta ħalli jikkonferma u jikkorrobora l-verżjoni illi qal magħhom l-appellant. Iżda dan it-tieni persuna illi anke jidher fil-filmat huwa fundamentali u għalhekk kien hemm bżonn illi jittella jixhed iktar u iktar meta l-Prosekuzzjoni hija obbligata illi ttella' xhieda kemm a favur u kemm kontra l-appellant stess.

Illi l-appellant jirrileva wkoll illi l-Pulizija naqsu anke fir-rigward tat-tieni akkuża stante illi ma ġabux provi sodisfaċenti u ċioe' lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raġuni sabiex tali akkuża tiġi ppruvata. Illi ma ġew esebiti l-ebda dokumenti fl-inkartament kriminali illi juru illi l-appellant naqas milli jirreġistra tali tjur illi nstabu fil-fridge freezer illi tali akkuża rriżultat minn dak li qal l-appellant mal-Uffiċjali tal-Pulizija.

Illi inoltre jirriżulta b'mod ċar u ampju illi l-Uffiċjali tal-Pulizija illi marru fuq il-post naqsu milli jagħtu lill-appellant id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu. Illi fil-fatt PC 1379 David Mizzi fl-affidavit tiegħu lanqas biss isemmi illi lill-appellant qabel ma kellmuh ingħatawlu xi drittijiet filwaqt illi PC 16 E Zammit kulma jsemmi illi xħin wasal fuq il-post tah is-solitu twissija. Illi jiġi rilevat illi f'termini ta' Pulizija s-solitu twissija ma tinkludix id-dritt lill-imputat illi jikkonsulta ma' avukat stante illi dan id-dritt daħal wara u s-solitu twissija ġeneralment tinkludi illi l-Uffiċjali tal-Pulizija javżaw lill-imputat illi għandu dritt illi ma jitkellimx għax dak li jgħid jista' jintuża kemm kontrih kif ukoll favurih. Illi għalhekk fl-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija ma jirriżultax illi huma tawh id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja. Illi l-esklużjoni totali ta' avukat tal-fiduċja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt illi kien qiegħed jiġi mitkellem mill-Uffiċjali tal-Pulizija huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu għall-smigħ xieraq u hija ta' preġudizzju kbir għall-esponenti. Illi f'dan il-każ partikolari huwa ta' preġudizzju ikbar għax il-Prosekuzzjoni tibbaża l-każ tagħha biss *fuq l-allegata ammissjoni illi l-appellant għamel mal-Uffiċjali tal-Pulizija.* Illi fil-fatt, l-appellant jikkontendi illi skont l-affidavit tal-Pulizija huwa ċaħad l-involviment tiegħu iżda mbagħad mingħajr ebda raġuni valida huwa bħallikieku biddel il-verżjoni u ammetta kollox:

*Jien kont hemm minn filgħodu flimkien maz-ziju tiegħi, iżda ma ħriġtx bis-senter …*
*l-istess Noel kien stqarr magħna li dak il-persuna li kien deher jispara dawk iż-żewġ tiri fil-filmat kien hu, iżda r-raġel l-ieħor li wkoll deher fil-filmat kien iz-ziju tiegħu iżda ma kienx jinsab għall-kaċċa.*

Illi din il-verżjoni tal-fatti ma tantx għandna mis-sewwa u tnissel dubji serji jekk fil-verita' l-appellant ammettiex mal-Pulizija u jekk ammetta x'kienet ir-raġuni illi waslitu sabiex jammetti wara li kien diġà ċaħad l-involviment tiegħu. Illi in vista ta' dan kollu illi iktar u iktar il-fatt illi l-appellant ma ingħatax id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja twassal għal preġudizzju kbir fil-każ tiegħu.

Illi l-istess ammissjoni allegatament saret anke fir-rigward tat-tieni akkuża fejn anke hawnhekk allegatament l-appellant biddel il-verżjoni tiegħu mal-Uffiċjali tal-Pulizija u ammetta kollox. Fil-fatt, skont l-affidavit tal-Pulizija huwa ammetta illi t-tjur kienu tiegħu u l-ewwel qalilhom illi kien qabadhom f'Settembru imma mbagħad qal li qabadhom f'April:

*Fejn hemm ġiet innotata fridge freezer u kif ftaħnieha ġew ukoll innotati tlett gamimiet friżati w ippakjati ġol-plastik, fejn għalihom Noel kien ġie mistoqsi jekk kienx irreġistrihom mal-awtorita' kompetenti meta dawn ġew maqbuda. Noel kien stqarr li dawk il-gamiem kien qabadhom f'Settembru iżda ma kienx irreġistra l-ebda waħda minnhom. Dak il-ħin jien qbadt it-telefon ċellulari tiegħi sabiex*

*ninforma lill-Ispettur J. Vella b'dawn il-gamiem, fejn sa ma kont qiegħed fuq il-linja, Noel kien stqarr miegħi li l-imsemmi gamiem ma kienx qatlu f'Settembru kif qal qabel, iżda kien qabadhom fi staġun miftuh għall-kaċċa, ċioe' f'April tas-sena kurrenti 2015.*

Illi għalhekk jiġi rilevat illi dawk id-dikjarazzjonijiet illi l-appellant għamel kemm fir-rigward tal-ewwel u kemm fir-rigward tat-tieni akkuża għandhom jiġu skartati u m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex ssib ħtija o meno stante illi l-appellant qabel ma stqarr dan kollu ma ingħatax id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu.

Illi d-dritt tal-esponenti taħt l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien <u>irrimedjabbilment preġudikat</u> meta huwa kien mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u dak kollu li ntqal minnu sussegwentement intuża kontra tiegħu.

Illi d-dritt tal-assistenza legali għall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bħala aspett tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt ġie ritenut illi jiġi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest tagħha;

Illi b'referenza għall-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza ċelebri tal-Grand Chamber <u>**Salduz vs Turkey**</u> datata 27 ta' Novembru 2008 u sentenzi oħra sussegwenti fl-istess vena fejn il-prinċipju stabbilit f'Salduz ġie segwit, il-Qorti Ewropea tisħaq li d-drittijiet sanċiti mill-Arikolu 6 (1) u 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni jinkludu d-dritt ta' assistenza legali <u>sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni</u> tal-Pulizija, u saħansitra <u>qabel</u> ma persuna tirrilaxxa <u>l-istqarrija</u> tagħha:

*"In order for the right of a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Article 6 (1) [of the Convention] requires that, <u>**as a rule**</u> access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may <u>**exceptionally**</u> justify denial of access to a lawyer such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6...the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (S 55)*

Illi ulterjorment l-esponent jagħmel referenza għal <u>**Panovits vs Cyprus**</u> tal-11 ta' Diċembru 2008 fejn il-Qorti affermat li:

*"as regards the applicant's complaints which concern the lack of legal consultation at the pre-trial stage of the proceedings, the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

Illi fil-każ **Dayanan v. Turkey (13.10.2009 (II))** il-Qorti Ewropea rriteniet is-segwenti;

*"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*

…

*The principle of fair trial requires that a **suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform.** ( S 32, private translation; emphasis added)*

*In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time. **In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."***

Illi huwa *ormai* ben stabbilit li d-dritt għall-avukat huwa **r-regola,** filwaqt li r-restrizzjonijiet huma **l-eċċezzjoni, fejn ikun hemm *compelling reasons* jew raġunijiet gravi w impellenti.**

Illi inoltre l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Pischalnikov v. Russia** deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u tekniċi tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:

*"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case … **In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not***

***make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law."***

Illi l-mankanza tal-assistenza legali jippreġudika sostanzjalament is-sitwazzjoni tal-akkużat u dan kif spjegat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Pavlenko vs Russia** deċiż fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010).

*"Thus even though at the trial the applicant had an opportunity to challenge the evidence against him in adversarial proceedings with the benefit of legal advice the Court reiterates its foregoing findings concerning the legal assistance in the pre-trial proceedings, and concludes that the shortcomings in respect of the legal assistance at that stage seriously undermine the position of the defence at the trial." (Section 119)*

Illi riċentament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'sentenza fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta** datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taħt l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali għandha tkun ir-regola ġenerali u tali dritt għandu jingħata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiża jkun ippreġudikat meta persuna taħt investigazzjoni tagħti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha mingħajr ma tkun ingħatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi ċ-ċaħda sistematika ta' dan id-dritt huwa leżiv tal-Artikolu 6 u ċioe' dak għal smigħ xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti saħqet illi:

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably*

*prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

Illi addirittura fil-"consenting opinion" tiegħu l-Imħallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed tagħti għas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proċeduri

simili għal tal-protestant, kienet tammonta għal "breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". Aktar minn hekk, l-istess Imħallef saħaq illi "*In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments.*

Illi finalment jingħad li l-istess consenting opinion tkompli tikkontradiċi l-pożizzjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tgħid hekk:

*In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.*

Illi inoltre fis-sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri** deċiża fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Qorti filwaqt li għamlet referenza għal diversi sentenzi (hawn fuq ikkwotati) saħqet is-segwenti:

*Illi d-dritt għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ġie estiż mill-ġurisprudenza ewropeja mhux biss għal jedd li għalih hija intitolata l-persuna akkużata matul il-proċeduri penali fil-qorti iżda ukoll għal hekk imsejjaħ pre-trial stage u ċioe' għall-istadju meta persuna tkun ġiet arrestata u ser tiġi interrogata. Dina l-fehma għalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali għandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta' l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana għaliex huwa prinċipju stabbilit fis-sistema penali tagħna illi persuna għandha titqies li hija innoċenti sakemm ma tiġix misjuba ħatja minn qorti ġudizzjarja. Kwindi hija għandha dritt illi ma tinkriminax ruħha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta' l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jiġi salvagwardjat għalhekk kull persuna għandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-aħjar pożizzjoni illi tħejji d-difiża tagħha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali tagħna il-konfessjoni tal-persuna akkużata hija prova ewlenija fil-proċess ġudizzjarju istitwit kontra tagħha.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet reċentement żiedet linji gwida oħra għal ġudikant li ikollu f'idejh id-deċiżjoni dwar jekk għandux jieħu kont ta' stqarrija tal-interrogat bħala prova in atti sabiex jasal għal ġudizzju tiegħu. Ġie deċiż illi fuq kollox għandu jittieħed kont tal-fattispeċje ta' kull każ fost oħrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata (fosthom l-età, il-preċedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma tweġibx għal dawk il-mitoqsijiet li jistgħu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta' l-akkużat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tiegħu mill-bidunett tal-proċeduri, l-provi l-oħra li hemm fl-atti, fost oħrajn.*

*...*

*Magħdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jiġix ippruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Illi allura meta l-liġi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li tagħti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li iseħħ leżjoni tad-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq anke f'dawk il-każijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-każ deċiż quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm leżjoni billi l-akkużat ma kellux jedd għall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-liġi tal-pajjiż ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd ġie anke estiż fil-każ fejn l-akkużat kien ġie mogħti il-jeddijiet kollha viġenti skont il-liġi ta' pajjiżu inkluż allura il-jedd tiegħu għas-silenzju u fil-fatt huwa kien eżerċita dan il-jedd u ma wieġeb għall-ebda mistoqsija lilu magħmula. Il-Qorti xorta waħda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3) u dan għaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tiegħu skont il-liġi dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruħu b'dan għalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija mogħtija mill-uffiċjali investigattiv ma hijiex biżżejjed.*

*...*

*Illi dan l-Ewwel Qorti ma setatx tagħmlu u allura din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti u għalhekk ser tiskarta l-istqarrija tal-appellanti rilaxxjata fis-17 ta' April 2002 bħala prova u dan fid-dawl tad-deċiżjonijiet hawn fuq iċċitati.*

Illi għalhekk tenut kont ta' dawn in-nuqqasijiet kollha illi ġew riskontrati fl-investigazzjoni u sussegwentement quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant jirrileva illi għandu jiġi liberat mill-akkużi kollha hekk kif dedotti kontrih u dan peress illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tilħaq il-livell ta' lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raġuni.

**C. Piena Erogata**

Illi dan l-aggravju qiegħed isir mingħajr preġudizzju għas-suespost u jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, u ċioe' multa komplessiva ta' elf ewro (€1,000) u r-revoka ta' kull liċenzja jew permess tal-insib, kaċċa u tal-ġarr u żamm ta' armi f'isem l-appellant għal żmien ta' sentejn mil-lum. Illi bir-rispett kollu, din is-sentenza hija waħda esaġerata u sproporzjonata meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-każ.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bżonn li l-piena għandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bħala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tiegħu u tas-soċjeta', iżjed u iżjed din il-piena karċeraja tidher inadatta. Infatti, permezz tagħha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diġa', bil-fatti, wera' sogħba tarreat li għamel, ser jinxteħet għal soġġorn ma' nies li fil-maġġjoranza tagħhom huma delinkwenti reċidivi multipli. B'hekk minflok jiġi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jieħu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi ineħħi l-impressjoni illi l- iskop tal-liġi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jgħallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa ċertament kunċett illi għamel żmien u kien il-kunċett predominanti, pero llum il-kunċett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif ukoll tal-preċedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonċiljazzjoni bejn l-aġent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi oħrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jiġi nformat u jikkonvinċi ruħu illi għandu jsegwi t-triq it-tajba"*

Għalhekk il-piena ta' multa komplessiva ta' elf ewro (€1,000) u r-revoka ta' kull liċenzja jew permess tal-insib, kaċċa u tal-ġarr u żamm ta' armi f'isem l-appellant għal żmien sentejn mil-lum kemm fil-kwalità tagħha, u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, fil-kwantità, ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċenat u aċċettat, fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żminijiet ta' llum. Illi għalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-każ, hija waħda sproporzjonata u eċċessiva fil-każ odjern.

***Ikkunsidrat:***

4. Illi jirriżulta illi nhar it-2 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tal-17:00, Pulizija li kienu qedgħin jagħmlu xogħol fuq barra, kienu ġew infurmati illi kien hemm xi membri tal-Cabs li xtaqu jiltaqgħu magħhom sabiex jgħaddulhom rapport. Infatti l-Pulizija marru Ħal-Għaxaq fejn iltaqgħu mal-kwerelanti u ġew infurmati illi aktar kmieni matul dak il-jum, kienu innutaw żewġ irġiel f'għalqa fejn wieħed minnhom kien jinstab għall-kaċċa u kien spara ġew tiri f'direzzjoni ta' siġra. Huma eżebew ukoll filmat li kien inġibed filgħodu fejn intwera dak li huma kienu raw.

5. Dawn l-Aġenti tal-Pulizija avviċinaw iz-zona ta' Ħas-Saptan fejn kienu allegatament saru dawn l-atti fejn pero ma raw lil ħadd. Madankollu hemmhekk iltaqgħu ma bidwi illi infurmhom li kien sema' xi sparaturi ġejjin minn għalqa li tappartjeni lil persuna li jsuq vettura tal-għamla Hyundai Coupe ta' lewn blu. Il-Pulizija pruvaw jintraċċaw din il-vettura fejn wara ftit kienu nnutawha fl-istess triq li kienet ġiet indikata lilhom minn tal-Cabs. Din il-vettura kellha n-numru AAN461 fejn wara li sar l-istħarriġ relattiv mal-*Control Room* tal-Pulizija irriżulta li din kienet tappartjeni lill-appellant.

6. Il-Pulizija għalhekk ċemplulu u talbuħ jmur fuq il-post fejn infurmhom li dalwaqt kien ser ikun hemmhekk peress illi kien niżel Birżebbuġia ma ħabib tiegħu. Kif wasal, qabel kelmuħ, il-Pulizija tawħ it-twissija. L-appellant ġie konfrontat bir-rapport li sar kontriħ, u hu kkonferma li kien ilu hemmhekk minn kmieni filgħodu ma żijuħ, <u>iżda li ma kienx qiegħed jikkaċċja</u>. Wara tfittxija li saret fl-għalqa tal-appellant in konnessjoni mar-rapport

magħmul, irriżultaw żewġ *fridges* kontenenti gamiem iffriżat. Għall-bidu l-appellant kien qal li kien ikkaċċjahom f'Settembru iżda mingħajr ma kien reġistrahom; iżda wara ftit qal li kien qabadhom f'April matul l-istaġun miftuħ. Meta l-Pulizija ikkonfrontaw lill-appellant bil-filmat li kien meħud mill-membri tal-Cabs, l-appellant ikkonferma li dak ir-raġel li kien deher jispara fil-filmat kien fil-fatt hu stess; filwaqt li r-raġel l-ieħor li kien jidher fil-filmat kien zijuh iżda dan ma kienx niżel għal kaċċa dakinhar. Il-Pulizija marru jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-appellant fejn hemmhekk l-appellant għaddilhom żewġ snieter fosthom dik li kien ħareġ bih għall-kaċċa dakinhar. Dan is-senter kien ġie elevat u l-Pulizija ħarġitlu riċevuta.

***Ikkunsidrat:***

7. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

8. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li

---

Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

9. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

10. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

11. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

12. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika***

13.Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

14.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

---

***ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

15.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

16.L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

17.Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

18. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

19. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

20. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom

jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

21.Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

22.Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

---

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

23.Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

24.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

25.Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

26. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

27. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

28. Illi l-aggravji tal-appellant huma tnejn. L-ewwel aggravju jikkonċerna l-ħin indikat fl-ewwel imputazzjoni peress illi l-appellant itenni li l-provi juru li l-każ seħħ fil-ħinijiet ta' filgħodu ta' nhar it-2 ta' Mejju 2015 u mhux fil-ħamsa ta' wara nofsinhar kif indikat. Huwa jgħid li l-ħin indikat fil-komparixxi jaqbel mal-ħin li fih kienet saret id-denunzja lill-Pulizija mir-rappreżentanti tal-Cabs li talbu l-assistenza tagħhom minħabba li kien hemm persuna li kienet qegħda tikkaċċja matul staġun magħluq. Fit-tieni lok l-appellant talab li d-dikjarazzjonijiet li a bażi tagħhom l-appellant instab ħati tat-tieni imputazzjoni jiġu skartati u dan minħabba li l-appellant ma kienx ingħata t-twissija konċernanti l-aċċess għall-avukat qabel ma għamel dawn id-dikjarazzjonijiet. L-appellant jikkontendi li dawn id-dikjarazzjonijiet inkolpanti jiffurmaw l-unika prova kontra l-appellant għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni.

29. Illi kwantu għall-ewwel aggravju huwa minnu illi l-imputazzjoni tindika l-ħin tal-kommissjoni tar-reat bħala li kien għall-"*habta ta' 17:00hrs*". Ġie wkoll pruvat li dan il-ħin kien jirrapreżenta l-ħin meta sar ir-rapport u mhux il-ħin meta allegatament seħħew l-isparaturi li semgħu il-membri tal-Cabs. Dan jirriżulta mill-affidavit ta' PC16 E. Zammit fejn jindika illi l-isparaturi kienu nstemgħu aktar kmieni matul il-ġurnata.[10] Jirriżulta wkoll mix-

[10] Folio 7 tal-atti proċesswali.

xiehda ta' Karl Heinz Krentzer, rappreżentant tal-Cabs illi xehed quddiem din il-Qorti. Meta mistoqsi dwar dan il-punt huwa saħaq illi l-filmat li kien mgħoddi lill-Pulizija kien miġbud għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu u dan wara li kienu semgħu l-ewwel sparatura għall-ħabta tas-07:30 ta' filgħodu ta' dakinhar stess.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ħin indikat fl-ewwel imputazzjoni huwa wieħed li jirreferi għal perjodu ta' għal *ħabta tal-17:00*. Issa din il-Qorti kellha diġa okkażjoni li tidħol fid-dettall dwar il-kwistjoni tal-varjanza bejn il-fatti imputati fiċ-ċitazzjoni għal dawk riżultanti mill-provi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emmanuele Azzopardi*** mogħtija fil-15 t'Ottubru 2019. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak mistqarr f'dik is-sentenza bi spjega ta' kif din il-Qorti tqis dan il-kunċett.[11] Jingħad biss hawnhekk li mill-provi jirriżulta li l-filmat mill-Cabs kien ġie meħud fil-għodu u

[11] 41. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-*ius receptum,* tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[11] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

42. Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

43. Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed minn dawn il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, dan ma jġibx in-nullita tal-avviż. Ikun ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu irid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi. U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi *deceived* jew *misled*. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

għalhekk żgur li ma jistax jiġi meqjus prova fir-rigward ta' dak imputat fil-komparixxi in kwantu il-varjanza fil-ħin bejn it-08:00 u l-17:00 hija konsiderevoli. Din il-Qorti jidhrilha li tkun qed issir inġustizzja jekk, minkejja li ċ-ċitazzjoni hija mera *avviso a comparire* dan il-filmat jittieħed bi prova għall-episodju ta' allegati sparaturi li saru għall-ħabta tal-17:00.

31. Illi mill-banda l-oħra, Krentzer kompla jisħaq fix-xiehda tiegħu li ngħatat quddiem din il-Qorti,[12] illi minbarra dan l-episodju ta' filgħodu u li tiegħu kien ħa l-filmat, huwa kien irritorna lura fuq il-post **wara nofsinhar fl-istess jum** fejn kien reġa ġie mismugħ aktar sparar u fejn kien hemmhekk li wara kien tkellem mat-tim tiegħu u ddeċidew li jirrapurtaw l-inċident lill-Pulizija. Fuq mistoqsija tal-Qorti Krentzer jixhed illi fil-ħamsa ta' wara nofsinhar huwa kien għadu qiegħed jisma' sparar ġej mill-Wied. In oltre in kontro-eżami l-istess xhud saħaq illi apparti milli sema' l-isparaturi fil-ħamsa ta' wara nofsinhar, huwa kien ukoll ra persuna mit-teleskopju tagħhom. Fuq mistoqsija tal-Qorti, dan ix-xhud jirribadixxi li l-persuna li kienet sparat kienet l-istess persuna li hu kien ra filgħodu, u li huwa kien identifika bħala l-appellant li x-xhud għarfu wkoll fl-Awla seduta stante.

32. Illi l-problema tal-identifikazzjoni tal-appellant kienet ukoll waħda mill-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti riedet tagħmel. F'dan il-każ l-identifikazzjoni tal-appellant da parti ta' dan ix-xhud Krentzer setgħet issir minnu qabel xejn minn dak li huwa ra' fuq il-post, minn

[12] Datata t-12 ta' Settembru 2019.

dak li huwa ra' mit-teleskopju li huwa kien qiegħed jużа fuq il-post kif ukoll mill-filmat li kien ġie miġbud fuq il-post.

33. Dwar il-problematika tal-identifikazzjoni ta' persuna minn xhud okulari, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace*** deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2002 fejn intqal is-segwenti :

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant, u forsi dak principali, huwa bazat fuq il-kwistjoni delikata ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant b'dan li dak li l-appellant qieghed jattakka hija l- procedura adottata mill-pulizija biex issir identification parade.
>
> Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil- kawza Il-Pulizija vs Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:
>
> "Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il- persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".
>
> Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:
>
> "Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil- gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif

ukoll tad-difiza bl-iskop li l- identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il- Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir- regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l- identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir- regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l- identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:

'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are

not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?

Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

34. L-identifikazzjoni tal-appellant minn Krentzer bħala dak li kien qiegħed jispara għal fini ta' kaċċa fil-ħin indikat fl-imputazzjoni, tirrigwarda dak li dan ix-xhud jgħid li ra minn fuq it-teleskopju speċċjalizzat illi kien qiegħed juża. Dan ix-xhud kien f'ċerta distanza konsiderevoli minn fejn allegatament kien qiegħed jispara l-appellant u kien għalhekk li huwa għamel użu minn dan it-teleskopju. Biss ix-xhud ma kellux filmat li setgħa juri lill-Qorti dak li huwa kien ra b'dan it-teleskopju. Il-fatt li dan ix-xhud ma kellux filmat jew ritratt ta' dak li ra bit-teleskopju ma jfissirx li x-xiehda tiegħu dwar dak li ra hu stess b'għajnejh u dwar dak li huwa għaraf, mhix waħda li tista' tiġi ammessa minn din il-Qorti u dan peress li l-istess xhud xehed fuq dak li huwa kien ra' bis-sens tal-viżta tiegħu, awmentata bis-saħħa tat-teleskopju.[13] Anki meta konfrontat dwar l-identifikazzjoni tal-appellant mill-bank difensjonali u mill-Qorti, dan ix-xhud baqa jisħaq illi kien ċert illi l-persuna li ra tikkaċċja dakinhar fil-ħin ta' waranofsinhar kienet filfatt l-appellant u li baqa' jidentifikah anke fl-awla.

35. Kwindi dan ifisser li dan ix-xhud Kretner identifika lill-appellant bħala l-persuna illi kien qiegħed jispara kemm filgħodu **kif ukoll** u l-aktar importanti għall-fini ta' dan il-każ fil-ħinijiet ta' *għall-ħabta tal-17:00hrs*. B'hekk din it-testimonjanza telimina kompletament il-problematika ta' kwalunkwe varjanza in kwantu hawnhekk bix-xiehda ċara u bla tlaqlieq ta' Krentzer jirriżulta li kien hemm sparar

[13] Silta mix-xiehda rilevanti tgħid hekk :

> 'Court: So you identified the person who was according to your goodself in this field through your bird watching telescope surveillance, correct?
> Xhud: Correct.'

għal kaċċa fi staġun magħluq kemm fil-għodu meta ttieħed il-filmat kif ukoll għall-ħabta tal-17:00 meta reġgħa ra' hu stess b'għajnejh, u bl-użu tat-teleskopju lill-appellant li kien qiegħed jispara s-senter.

36. Jidher għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li temmen li dan ix-xhud u ssib ħtija fl-appellant billi setgħet toqgħod u tistrieh fuq dak li qal dan ix-xhud waħdu. Kif ingħad qabel, skont l-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali jekk il-Qorti tal-Maġistrati emnet lil dan ix-xhud, allura hija setgħet tistrieħ fuq dak li huwa qal billi x-xiehda tiegħu tagħmel prova ntiera fil-konfront tal-appellant. Dik il-Qorti għalhekk setgħet issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni irrispettivament minn dak li xehdu l-Pulizija fl-affidavit tagħhom fis-sens li l-appellant kien ikkonferma magħhom illi hu kien responsabbli għal dan l-isparar.[14] Ix-xiehda ta' Krentzer imbagħad tiġi wkoll imsaħħa bl-evidenza ċirkostanzjali tas-sejba tal-karozza reġistrata f'isem l-appellant viċin tal-post fejn seħħew l-isparaturi u biswit id-dura tiegħu.

37. Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti peress li dan ix-xhud Krentzer kien konsistenti fir-rigward tal-identifikazzjoni li għamel tal-appellant bħala dak li kien qiegħed jispara bis-senter fid-data u fil-ħin indikati fil-komparixxi, huwa ċar illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal sabiex legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

[14] Affidavit ta' PC1379 David Mizzi a folio 15 u 16 tal-atti proċesswali.

***Ikkunsidrat:***

38. Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza l-aktar reċenti dwar din il-materja u li jiffurmaw il-linji gwida għall-Qrati Maltin meta jiġu riskontrati b'allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet minħabba n-nuqqas tal-aċċess għall-avukat. Fis-sentenza ***Beuze vs Belgium*** (para 120 – 130)[15] il-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet għall-bniedem iddikjaraw illi l-obbligu tal-assitenza legali tapplika mill-mument meta' persuna tkun '*charged with a criminal offence*' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129).[16]

39. Madankollu skond l-istess sentenza l-Qorti stabbilit illi :

> In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'

---

[15] Deċiża fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

[16] Artikolu 6(3) :

> Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> (a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;
> (b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;
> (c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;
> (d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;
> (e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court.

40. Jiġifieri li skond din is-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja, l-esklużjoni tat-twissija lil dak li jkun bid-dritt tiegħu li jkun assistit minn avukat ma ġġibx magħha l-konsegwenza awtomatika illi l-proċedura adoperata ssir inamissibbli jew illi d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun ikunu ġew mittiefsa. Ir-raġuni hija li biex wieħed ikun jista' jgħid li kien hemm xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem dan ikun irid iħares li il-proċedura kollha meħuda b'mod sħiħ u wara li jqis il-proċedura b'mod globali li wieħed ikun jista' jgħid jekk din kienetx ġusta jew le.

41. In oltre skond l-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn il-presenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa :

> the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

42. Infatti din is-sentenza tagħmel referenza wkoll għal dak li rriżulta mill-każ ta' ***Salduz vs Turkey*** fejn irrispettivament mill-gwidi mogħtija minnha hemmhekk, sostniet illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sussegwentement għal din is-sentenza, ħadet approċċ inqas assolutista. Fil-fatt qalet hekk :

> 138. The *Salduz* judgment also demonstrated that the application on a "systematic basis", in other words on a statutory basis, of a restriction on the right to be assisted by a lawyer during the pre-trial phase could not constitute a compelling reason (ibid., § 56). In spite of the lack of

compelling reasons in that case, the Court nevertheless analysed the consequences, in terms of overall fairness, of the admission in evidence of statements made by the accused in the absence of a lawyer. It took the view that this defect could not have been cured by the other procedural safeguards provided under domestic law (ibid., §§ 52 and 57-58).

139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.

140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan*, cited above, § 33, and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form (see, among other authorities, *Çarkçı v. Turkey (no. 2)*, no. 28451/08, §§ 43-46, 14 October 2014), and sometimes in greater detail (see, among other authorities, *A.T. v. Luxembourg*, cited above, §§ 72-75).

141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, cited above, §§ 257 and 258-62).

43. Inoltre sabiex dan jiġi stabbilit, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

(α) Concept of compelling reasons

142. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see *Salduz*, cited above, §§ 54 *in fine* and 55, and *Ibrahim and Others*, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and

mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.

143. The Court has also explained that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 259, and *Simeonovi*, cited above, § 117).

(β) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test

144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer (see paragraph 97 above) to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey (see paragraph 140 above).

145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 265).
146. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 273 *in fine*).

147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see the case-law on Article 6 § 1 cited in paragraph 120 above).

148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

149. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case.

(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others,* cited above, § 274, and *Simeonovi*, cited above, § 120):
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

44. L-istess prinċiplji ġew applikati f'sentenza oħra ta' din il-Qorti ta' Strasburgu fil-kawża fl-ismijiet ***Farrugia Carmel Joseph vs Malta*** fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi

> while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.[17]

45. Illi f'dan il-każ, skond l-affidavit ta' PC16 E. Zammit, jirriżulta li qabel ma l-Pulizija kienu kellmu lill-appellant hekk kif dan ġie fuq il-post, huma kienu tawħ id-debita twissija skond il-liġi. Issa minn din ix-xiehda mhux magħruf speċifikament jekk din kinitx tinkludi o meno l-għoti tad-dritt tal-aċċess għall-assistenza legali. Biss fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, u ċioe fis-sena 2015, il-liġi Maltija kienet għadha ma tistipulax b'mod ċar illi kull min ikun mizmum għandu awtomatikament jingħata aċċess għall-avukat. Infatti l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali qabel l-emendi kien jinqara kif ġej:

> **355AT.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew

---
[17] Deċiża nhar l-4 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

> prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.

46. Kwindi jidher illi sabiex jiskatta dan id-dritt skond il-liġi applikabbli fi żmiem mertu ta' dan il-każ, il-persuna ikkonċernata kellha tkun arrestata u fil-kustodja tal-pulizija fl-għassa jew post ieħor ta' detenzjoni. Ma jidhirx illi l-appellant fil-każ odjern kien arrestat jew ikkustodit b'dan il-mod tant illi l-pulizija bagħtu għalih fil-mument meta huma kienu fil-post fejn allegatament seħħew l-allegat reati u l-appellant mar ħdejhom fuq talba tagħhom minn jeddu. Jirriżulta wkoll illi wara li tkellmu miegħu u wara li kkonduċew l-investigazzjonijiet tagħhom u t-tfittxijiet relattivi illi huma setgħu jikkonduċu skond il-liġi kemm fuq il-post kif ukoll fir-residenza tiegħu, l-appellant ġie nfurmat li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu, li filfatt inħarġu kważi xahar wara illi hu kien ġie mitkellem mill-pulizija fuq ix-xena tar-reati allegati fil-konfront tiegħu.

47. Ergo jista jingħad illi s-sentenzi hawn fuq ikkwotati jistgħu japplikaw fir-rigward ta' dan il-każ sabiex jiġi stabbilit jekk fil-mument meta l-appellant għamel dawk id-dikjarazzjonijiet mal-pulizija, kienx hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu dejjem jekk ma ġiex offrut l-assistenza legali illi llum il-ġurnata hija obligatorja anki fir-rigward ta' min ikun sempliċiment miżmum mill-pulizija u mhux neċessarjament ikkustodit fl-għassa jew post ieħor ta' detenzjoni.

48.Illi minn dawn is-sentenzi jirriżulta li s-sempliċi esklużjoni ta' dan id-dritt ma jwassalx neċessarjament għalbiex il-Qorti tiskarta l-prova li tkun inkisbet; iżda din il-Qorti trid tqis it-totalita' ta' dan il-proċess sabiex tistabbilixxi jekk b'tali nuqqas l-appellant setgħax ikun preġudikat għal dak li jirrigwarda is-sejbien ta' ħtija tat-tieni imputazzjoni kontra tiegħu.

49.Skond il-prinċipji ravviżati skond is-sentenza ***Beuze*** il-Qorti Ewropeja elenkat numru ta' fatturi illi għandhom jitqiesu mill-Qorti filwaqt li tkun qed tistabilixxi dan, u senjatament :

(a) il-vulnerabblita tal-persuna konċernata minħabba l-eta' jew minħabba inkapaċita mentali;

(b) l-istruttura legali li jirregola l-proċeduri *pre-trial* u l-amissibilta' tal-provi matul proċess ġudizzarju li fl-eventwalita' tal-applikazzjoni ta' xi regola li teskludi dan id-dritt, huwa diffiċli li jitqies bħala inġusta;

(c) jekk l-appellant kellux l-opportunita li jisfida l-awtentiċita tal-provi mressqa kontra tiegħu;

(d) il-kwalita ta' provi kontrih u jekk hemmx dubbju dwar l-attendibilita' tagħhom minħabba l-mod kif dawn ġew akkwistati;

(e) jekk il-provi ġew ottjenuti illegaliment, jekk dan jipprovjenix minn xi vjolazzjoni oħra ta' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni Ewropea u n-natura ta' din il-vjolazzjoni;

(f) fil-każ ta' stqarrija, jekk din ġiex prontament rtirata jew mibdula;

(g) il-mod kif l-provi ntużaw u partikolarment jekk dawn il-provi kkostitwewx parti integrali jew sinjifikanti tal-provi probatorji li a bażi tagħha l-appellant ikun instab ħati u s-saħħa ta' provi oħrajn fil-każ;

(h) jekk il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ħtija sarux minn imħallef jew maġistrat professjonali jew minn ġurija popolari u fl-aħħar każ u jekk applikabbli, l-estent tad-direzzjoni u l-linji gwida mogħtija lilhom dwar l-istess;

(i) Il-piż tal-interess pubbliku fil-kors tal-investigazzjoni u l-piena tar-reat in kwistjoni u finalment;

(j) Proċeduri protettivi oħrajn relevanti offruti skond il-liġi domestika jew prattika tal-pajjiz li jkun.

50.Għal dak li jirrigwarda l-ewwel punt fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-appellant kien vulnerabbli minħabba l-eta' tiegħu jew l-istat mentali tiegħu. In oltre l-lok fejn hu għamel dawn id-dikjarazzjonijiet huma d-dura tiegħu fejn bla dubbju hu kien fl-ambjent tiegħu. Apparti minn hekk huwa jirriżulta li diġa kellu preċedenti oħra simili fejn għalhekk hu kien familjari mal-proċedura li tiġi segwita.

51.Fit-tieni lok ma kienx hemm xi regola li teskludi l-provvista tal-aċċess għall-Avukat b'mod a prijoristiku; iżda huwa ċar mid-diċitura tal-liġi applikabbli fiż-żmien ir-reat in kwistjoni illi l-Pulizija ma kinitx meħtieġa li tipprovdi dan il-jedd peress illi l-appellant ma kienx arrestat u detenut. L-appellant setgħa talab għalih ukoll. Iżda l-anqas jirriżulta li dan sar.

52. Fit-tielet lok, l-appellant kien preżenti fil-mument meta l-Pulizija sabu l-gamiem iffrizzat fil-*fridges* tiegħu. Din is-sejba ma kinitx tifforma parti mid-denunzja oriġinali. Il-Pulizija rriżultatilhom filwaqt li kienu qedgħin jinvestigaw id-dura tal-appellant in segwitu għad-denunzja dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Meta l-appellant ġie mitkellem kienx hemm xi kwistjoni dwar l-awtentiċita' ta' dak misjub. L-appellant stess ikkonferma li kien ikkaċċja dawk l-għasafar u ffriżhom; kif ukoll li kien hu li naqas milli jirreġistrahom skond kif il-liġi kienet tippreskrivi għaż-żmien meta kkaċċahom.

53. Fir-raba' lok il-provi mressqa dwar it-tieni imputazzjoni ma jistrieħux biss fuq il-fatt li l-appellant ammetta li kien ikkaċċja hu dawk l-għasafar iżda wkoll li s-sejba tal-għasafar innifisha kienet fil-proprjeta tal-istess appellant jew kontrollata minnu. Filwaqt illi l-Pulizija eżebew ritratti dwar is-sejba in kwistjoni, m'hemmx ritratt li jindika wkoll lill-appellant. Inoltre, ma tressqitx prova oħra, għajr għal dak iddikjarat mill-appellant dwar in-nuqqas ta' reġistrazzjoni da parti tiegħu ta' dawn l-ispeċi.

54. Fil-ħames lok ma jidhrix illi l-provi ġew ottjenuti kontra l-liġi. Il-Pulizija ġabru l-provi li huma rriskontraw u li kienu relevanti għar-reati li l-appellant kien allegatament ikkometta.

55. Fis-sitt lok jidher illi l-appellant kien ta verżjoni minn jeddu u spontanjament. Iżda jirriżulta wkoll li huwa ma żammx mal-ewwel verżjonijiet li ta'. Anzi mill-affidavit tal-Pulizija jirriżulta li huwa

biddel f'ċerta dettalji kemm dwar affarijiet li kien qal relattivament għall-fatti li taw lok għall-ewwel imputazzjoni kif ukoll dawk relattivi għat-tieni imputazzjoni. U dan mingħajr ma ġie effettivament mistoqsi jew kontradett mill-Pulizija.

56. Fis-seba lok, jirriżulta li d-dikjarazzjoni tal-appellant kienet tifforma parti integrali mill-provi li wasslu għal sejbiet ta' ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Dan qed jingħad peress illi mkien aktar fil-proċedura ma tressqet prova li tikkonferma li l-għasafar maqbuda ma kienux ġew irreġistrati skond il-Liġi. Kwindi l-unika prova li hemm f'dan ir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija l-istqarrija tal-appellant li kkonferma dan il-fatt minn jeddu.

57. Fit-tmien lok l-appellant kien instab ħati minn Maġistrat togat filwaqt li l-interess pubbliku kien jimmilita favur il-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati.

58. Sussegwentement matul il-kors tal-proċedura penali jidher li saret skond il-liġi u l-proċess ġudizzjarju sar mingħajr ma dehru reġistrati xi lmenti jew allegazzjonijiet ta' leżjoni ta' drittijiet. Matul il-kors tal-proċeduri fil-Qorti, l-appellant kien debitament rappreżentat mill-avukat tal-fiduċja tiegħu. L-appellant għażel kif filfatt għamel li ma jixhidx, jew iressaq provi.

59. Dan ifisser li kieku ma kienx għad-dikjarazzjonijiet li l-appellant għamel a tempo vergine mal-Pulizija għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-ispeċi misjuba fil-pussess tiegħu, essenzjalment hu ma kienx jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni

miġjuba kontra tiegħu u danperess li l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova oħra in sostenn ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, fosthom dawk illi l-istess appellant irtira u biddel fil-kors tal-istess dikjarazzjonijiet. Il-Pulizija li xehdu huma biss xhieda tal-fatt li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu iżda għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-gamiem dan ġie stabbilit unikament minn dak illi stqarr l-appellant.

60. Ma jidhirx lanqas illi kien hemm xi raġunijiet impellenti għaliex l-appellant ma ngħatax il-fakolta li jikkonsulta ma' avukat għajr għall-fatt illi l-liġi fiż-żmien in eżami ma kienx jobbliga dan id-dritt f'ċirkostanzi meta l-persuna ma tkunx arrestata u fil-kustodja tal-pulizija.

61. Konsegwentement, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, meta din il-Qorti tqis it-totalita tal-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, hija tal-fehma illi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant, fil-kuntest li fihom ġew magħmula, u waħedhom – mingħajr prova indipendenti li setgħet faċilment ġiet miġjuba mill-Prosekuzzjoni - ma humiex ritenibbli provi suffiċjenti li jwaslu sal-grad rikjest mill-Liġi u li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal li ssib ħtija dwarhom. Din il-Qorti tqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma tistax titqies li kienet safe and satisfactory fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat:***

62. Illi kwantu għall-piena imposta, l-appellant jilmenta li din kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata. Skond ir-regolament 27 tal-AL 79/2006 il-piena applikabbli għall-ewwel imputazzjoni li tiegħu l-appellant ser jinstab ħati jikkonsisti:

> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*.
>
> Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin;
>
> (b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti.
>
> Il-Qorti għandha wkoll torda r-revoka permanenti ta' kull liċenza jew permess, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija:

63. Issa mill-fedina tal-appellant jirriżulta illi hu diġa kellu preċedenti oħra simili għal dan il-każ jew li jirriżultaw fil-ksur tal-istess regolamenti. Kwindi l-Qorti tal-Maġistrati suppost kellha tapplika d-disposizzjonijiet tar-regolament 27(2)(b) u mhux 27(2)(a) tar-regolamenti L.S.549.42. Din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati kienet imponiet piena t'elf euro multa kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sentejn. Għalkemm il-multa t'elf euro kienet fil-parametri anke tar-regolament 27(2)(b) stante li hija l-piena fil-minimum tagħha, din il-Qorti hija konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati ikkundannat lill-imputat ħati taħt ir-regolament 27(2)(a) tar-

regolamenti L.S.549.42 minħabba l-fatt li hija imponiet is-sospensjoni tal-liċenza għal perjodu ta' sentejn u mhux ir-revoka permanenti. Jiġifieri issa din il-Qorti li hija Qorti ta' reviżjoni ma tistax timponi piena li hija aktar gravuża ġaladarba dan ma kienx appell mill-Avukat Ġenerali.

64. Fid-dawl tal-fatt li l-appellant sejjer jiġi liberat mit-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis li għandha issa tibqa' fuq l-istess skala ta' piena stabbilita għax altrimenti tinkorri f'awment tal-piena li ma tistax tagħmlu.

## ***Deċide***

Ghaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Noel (Emanuel) Zammit in parti, billi filwaqt li **<u>tħassar u tirrevoka</u>** :-

(a) dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena u

(b) fejn ikkundannatu għal multa t'elf euro (€1000); u

**<u>tikkonferma : -</u>**

(c) dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni;

(d) tikkundannah minflok għal multa ta' seba' mitt euro (€700); u

(e) stante li s-sospensjoni tal-liċenza tal-kaċċa hija tassattiva tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenza tal-appellant għal żmien sentejn; u

(f) tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***